

L-Erbgħa, 24 ta' Settembru 2008

TEST PROPOST  
MILL-KUNSILL

EMENDA

**Emenda 2**  
**Abbozz għal Deċiżjoni tal-Kunsill**  
**Artikolu 12**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubbli-kazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din tiskadi fid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skont l-Artikolu 71(2) tad-Deċiżjoni Nru 2007/533/JHA.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubbli-kazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jiskadi fid-data li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 2007/533/JHA, **u f'kull eventwalità mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010.**

**Migrazzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) \***

P6\_TA(2008)0442

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Settembru 2008 dwar l-abbozz għal regolament tal-Kunsill dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (11925/2/2008 — C6-0189/2008 — 2008/0078(CNS))**

(2010/C 8 E/38)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (11925/2/2008),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0197),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0189/2008),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0352/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 24 ta' Settembru 2008

TEST PROPOST  
MILL-KUNSILL

EMENDA

**Emenda 1****Abbozz għal Regolament tal-Kunsill  
Artikolu 11A a (ġdid)****Artikolu 11A a****Rappurtar**

*Sa tmiem kull perjodu ta' sitt xhur, u għall-ewwel darba sa tmiem l-ewwel perjodu ta' sitt xhur tal-2009, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport tal-progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-iżvilupp tal-SIS II u tal-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS +1) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).*

**Emenda 2****Abbozz għal Regolament tal-Kunsill  
Artikolu 12 — paragrafu 1**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jiskadi fid-data li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jiskadi fid-data li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, **u f'kull eventwalità mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010.**

**Sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità \*\*\*II**

P6\_TA(2008)0443

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Settembru 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill adottata bil-ħsieb li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (5719/3/2008 — C6-0225/2008 — 2005/0239(COD))**

(2010/C 8 E/39)

(Proċedura ta' kodeċizzjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (5719/3/2008 — C6-0225/2008) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0589),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0334/2008),

<sup>(1)</sup> ĠU C 184 E, 22.7.2008, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 533.